IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2020
COM(2020) 715 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tad-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra

{SWD(2020) 266 final} - {SWD(2020) 267 final}

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tad-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra

### 1. Introduzzjoni

Id-Direttiva 2000/14/KE dwar l-emissjoni tal-ħoss fuq barra[1] ("id-Direttiva") ġiet adottata fit-8 ta' Mejju 2000 u saret applikabbli fit-3 ta' Jannar 2002. Il-qafas legali tal-UE dwar l-emissjoni tal-ħoss mit-tagħmir ta' barra ġie introdott bl-amalgamazzjoni ta' seba' direttivi speċifiċi dwar il-prodotti u żewġ direttivi dwar il-proċeduri tat-testijiet[2].

L-Artikolu 20 tad-Direttiva jeżiġi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward l-esperjenza tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tad-Direttiva. Meta jintemmu l-konsultazzjonijiet kollha meħtieġa, b'mod partikolari mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva, il-Kummissjoni jeħtieġ tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha u, meta xieraq, kull emenda għal din id-Direttiva.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni evalwat id-Direttiva waqt it-tħaddim tagħha. L-evalwazzjoni vvalutat il-prestazzjoni tad-Direttiva abbażi tal-effettività tagħha li tilħaq l-objettivi tagħha, l-effiċjenza tagħha (b'enfasi fuq l-eżami tal-kostijiet u tal-benefiċċji regolatorji – inkluż dawk amministrattivi) u tal-potenzjal għal simplifikazzjoni u titjib, il-koerenza tagħha ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE, ir-rilevanza tagħha meta mqabbla mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati u l-valur miżjud tal-UE tagħha.

---

[1] Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewpopew u l-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1), emendata bid-Direttiva 2005/88/KE (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 44), bir-Regolament (KE) Nru 219/2009 (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 109), u bir-Regolament (UE) 2019/1243 (ĠU L 198, 25.7.2019); rettifikata bir-Rettifika (ĠU L 165, 17.6.2006, p. 35 (2005/88/KE)). It-test oriġinali: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:32005L0088; test konsolidat: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02000L0014-20190726. Il-paġna web settorjali tal-Kummissjoni dwar l-Emissjoni tal-Ħoss mit-Tagħmir ta' Barra: https://ec.europa.eu/growth/sectors/mechanical-engineering/noise-emissions_en.

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 79/113/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-determinazzjoni tal-emissjoni tal-ħoss ta' impjanti u tagħmir tal-kostruzzjoni (ĠU L 33, 8.2.1979, p. 15; id-Direttiva tal-Kunsill 84/532/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' dispożizzjonijiet komuni għall-impjanti u t-tagħmir tal-kostruzzjoni (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 111); id-Direttiva tal-Kunsill 84/533/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-livell tal-qawwa tal-ħoss permissibbli tal-kompressuri (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 123); id-Direttiva tal-Kunsill 84/534/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-livelli tal-qawwa tal-ħoss permissibbli ta' krejnijiet għoljin (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 130); id-Direttiva tal-Kunsill 84/535/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-livelli tal-qawwa tal-ħoss permissibbli ta' ġeneraturi tal-iwweldjar (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 142); id-Direttiva tal-Kunsill 84/536/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-livelli tal-qawwa tal-ħoss permissibbli ta' ġeneraturi tal-enerġija (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 149); id-Direttiva tal-Kunsill 84/537/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-livelli tal-qawwa tal-ħoss permissibbli ta' tagħmir li jkisser u jbaqqan il-konkrit li jinżamm fl-idejn motorizzat (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 156); id-Direttiva tal-Kunsill 84/538/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-livelli tal-qawwa tal-ħoss permissibbli ta' magni tal-qtugħ tal-ħaxix (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 171); id-Direttiva tal-Kunsill 86/662/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar il-limitazzjoni tal-ħoss emess minn skavaturi idrawliċi, skavaturi mħaddma bil-ħabel, dozers, spedituri u spedituri tat-tħaffir (ĠU L 384, 31.12.1986, p. 1).

B'appoġġ għall-evalwazzjoni, intużaw sorsi differenti tad-*data*, twettqu diversi konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati fil-gruppi ta' ħidma rilevanti, kif ukoll twettqu diversi studji, biex tinġabar informazzjoni aġġornata dwar il-prestazzjoni tat-tagħmir fil-kamp ta' applikazzjoni u biex tiġi esplorata l-ħtieġa u l-possibbiltà għal rieżami:

- "*Study on the experience in the implementation and administration of Directive 2000/14/EC relating to the noise emission in the environment by equipment for use outdoors*" (l-istudju "NOMEVAL")[3] fl-2007;
- "*Impact assessment on possible policy options for reviewing the Outdoor Equipment Noise Directive*" (l-istudju "ARCADIS")[4] fl-2009;
- "*Study on the merger of the Directive on noise from outdoor equipment, 2000/14/EC, with the Machinery Directive, 2006/42/EC*" (l-istudju "CEPS")[5] fl-2013;
- "*Study on the suitability of the current scope and limit values of Directive 2000/14/EC relating to the noise emission in the environment by equipment for use outdoors*" (l-istudju "ODELIA")[6] fl-2015-2016;
- "*Supporting study for an evaluation*[7] *and impact assessment*[8] *of Directive 2000/14/EC on noise emission by outdoor equipment*" (l-"istudju VVA") fl-2017-2018.

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni nġabru f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ("SWD") speċifiku mehmuż ma' dan ir-Rapport.

## 2. L-għan u d-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva

Id-Direttiva tistabbilixxi l-qafas legali li jarmonizza r-regoli u l-proċeduri relatati mal-emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir li jintuża barra mqiegħed fis-suq tal-UE. Din għandha l-għan li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini u tħares l-ambjent billi tnaqqas l-emissjoni tal-ħoss minn tagħmir li jintuża barra, u li tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern billi tarmonizza r-rekwiżiti għat-tagħmir ta' barra fir-rigward tal-emissjoni tal-ħoss biex tevita l-ostakli għall-moviment liberu ta' dan it-tagħmir.

L-għanijiet ewlenin tad-Direttiva huma li:

- tiżgura l-moviment liberu tat-tagħmir ta' barra fil-kamp ta' applikazzjoni, fi ħdan is-suq intern tal-UE;
- tnaqqas il-livelli permissibbli tal-ħoss għal tagħmir bħal dan biex jiġu protetti s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini u biex jitħares l-ambjent;
- tingħata informazzjoni lill-pubbliku dwar l-emissjoni tal-ħoss minn tagħmir bħal dan, u b'hekk jiġi promoss tagħmir anqas storbjuż u jitjiebu l-għażliet tal-konsumaturi.

---

3 http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/1639/attachments/1/translations/en/renditions/pdf.
4 https://ec.europa.eu/docsroom/documents/1635/attachments/1/translations/en/renditions/pdf.
5 http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/4985/attachments/1/translations/.
6 http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/18281/attachments/1/translations/.
7 https://publications.europa.eu/en/web/eu-law-and-publications/publication-detail/-/publication/90f4d795-e192-11e8-b690-01aa75ed71a1.
8 https://publications.europa.eu/en/web/eu-law-and-publications/publication-detail/-/publication/69de2e48-e17d-11e8-b690-01aa75ed71a1.

Id-Direttiva tistabbilixxi metodi dettaljati għall-kejl tal-ħoss u kodiċi tat-testijiet tal-ħoss (billi tirreferi għall-istandards Ewropej u internazzjonali); limiti armonizzati tal-ħoss għal lista definita ta' tagħmir; proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità; u rekwiżiti tal-immarkar.

Id-Direttiva tkopri 57 tip ta' tagħmir użat barra definit fl-Anness I, u tistabbilixxi limiti tal-ħoss għal 22 tip minnhom (l-Artikolu 12) u teżiġi mmarkar speċifiku tal-ħoss għat-tipi kollha tat-tagħmir (l-Artikolu 13). Dan it-tagħmir jista' jinġabar fi tmien gruppi:

I. Tagħmir tat-tindif

II. Tagħmir tal-kostruzzjoni

III. Tagħmir tal-ġardinaġġ

IV. Tagħmir tat-tagħbija u l-irfigħ

V. Ġeneraturi tal-enerġija u tagħmir tat-tkessiħ

VI. Tagħmir tal-pompi u tagħmir li jiġbed

VII. Snowmobiles u snowgroomers

VIII. Il-ġbir, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-iskart

Id-Direttiva tkopri tagħmir użat mill-utenti professjonali u mill-utenti privati. Fil-kategoriji tat-tagħmir tat-tindif, tal-kostruzzjoni, tat-tagħbija u l-irfigħ, il-ġeneraturi tal-enerġija u t-tagħmir tat-tkessiħ, u l-kategoriji tal-ġbir, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-iskart, il-maġġoranza tat-tagħmir jintuża minn utenti professjonali. Fil-kategoriji tat-tagħmir tal-ġardinaġġ u t-tagħmir tal-pompi u li jiġbed, it-tipi kollha jintużaw kemm minn utenti professjonali u anki minn utenti privati. Tipikament, it-tagħmir li jkun akbar u aktar għali jużawh il-professjonisti.

## 3. Traspożizzjoni u implimentazzjoni

Biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi, id-Direttiva armonizzat ċerti aspetti tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati mal-emissjonijiet tal-ħoss minn tagħmir għall-użu ta' barra. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, wara l-adozzjoni fit-8 ta' Mejju 2000, kellhom jiġu trasposti u implimentati mill-Istati Membri: id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali meħtieġa kellhom isiru sat-3 ta' Lulju 2001, u jiġu applikati mit-3 ta' Jannar 2002.

Id-Direttiva ġiet trasposta u implimentata b'mod sħiħ u konsistenti fl-Istati Membri kollha. Ma nstabet l-ebda problema sinifikanti fit-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet legali tad-Direttiva fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, u lanqas fl-implimentazzjoni tagħha. Dan hu partikolarment il-każ fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq u l-obbligi relatati għall-manifatturi u r-rappreżentanti awtorizzati; ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri; il-proċeduri u l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità; u l-ġbir tad-*data* dwar il-ħoss.

Għall-kuntrarju, instabu xi differenzi fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq, b'mod partikolari l-firxa u l-monitoraġġ tal-attivitajiet madwar l-Istati Membri. Din is-sitwazzjoni tiddependi l-aktar fuq in-nuqqas ta' riżorsi biżżejjed allokati għal dan il-qasam speċifiku meta mqabbel ma' oqsma regolati oħra mil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-UE fis-suq intern.

Iżda ma nfetħu l-ebda proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri. Lanqas il-proċedura biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konformità tat-tagħmir stipulata fl-Artikolu 9 tad-Direttiva ma ġiet applikata.

L-implimentazzjoni u l-ġestjoni tad-Direttiva huma appoġġati minn gruppi ta' ħidma settorjali stabbiliti sew, li jinvolvu rappreżentanti tal-atturi rilevanti kollha fil-livell tal-UE: l-Istati Membri, il-korpi notifikati, l-istandardizzaturi u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati mill-industrija, il-konsumaturi, l-assoċjazzjonijiet ambjentali, eċċ.:

- il-Kumitat tad-Direttiva dwar il-Ħoss fl-Apert stabbilit fl-Artikolu 18 tad-Direttiva ("il-Kumitat OND");
- il-Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat tad-Direttiva dwar il-Ħoss fl-Apert ("l-OND WG"), issa sar il-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar l-emissjoni tal-ħoss fl-apert[9];
- il-Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fil-qasam tad-Direttiva dwar il-Ħoss fl-Apert ("l-OND AdCo"); u
- il-Grupp ta' Koordinazzjoni Ewropew ta' Korpi Notifikati fil-qasam tad-Direttiva dwar il-Ħoss fl-Apert ("l-OND NB" jew "il-Korp għall-Ħoss").

Biex tgħin lill-manifatturi u lil atturi rilevanti oħra ħalli jikkonformaw mal-obbligi tal-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-ġbir tad-*data* dwar il-ħoss, il-Kummissjoni ħolqot u qed tmexxi "l-Applikazzjoni NOISE", bażi tad-*data* b'informazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet tal-KE tal-konformità tat-tagħmir imqiegħed fis-suq.

## 4. Riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni

Ir-rapport jirrifletti s-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni tad-Direttiva 2000/14/KE dwar il-Ħoss fl-Apert. Id-dettalji tal-evalwazzjoni jinsabu f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ("SWD") mehmuż ma' dan ir-Rapport.

### *4.1. Effettività tad-Direttiva*

Mil-lat ta' effettività tad-Direttiva biex tilħaq l-objettivi tagħha, speċjalment it-tnaqqis tal-livelli tal-emissjoni tal-ħoss tat-tagħmir ta' barra fil-kamp ta' applikazzjoni, l-evalwazzjoni sabet li dawn il-livelli naqsu tul l-aħħar 20 sena. Madankollu, bosta tagħmir ikkonċernat għadu 'l fuq mil-livell tal-qawwa tal-ħoss meqjus perikoluż għas-smigħ u s-saħħa ġenerali (stmat għal 90 dB), li jindika li hemm lok għal titjib.

L-imġiba tal-konsumaturi kellha impatt ukoll fuq l-effettività tad-Direttiva. Attitudni proattiva u aktar għarfien setgħu wasslu lill-konsumaturi biex jippreferu tagħmir li jagħmel anqas storbju u għalhekk xprunaw lis-suq biex iwarrab verżjonijiet aktar storbjuži. Id-dispożizzjonijiet legali waħedhom urew li mhumiex biżżejjed biex jimmotivaw lill-konsumaturi biex jixtru tagħmir anqas storbjuż. Ix-xerrejja u l-utenti mhux professjonali tat-tagħmir skont il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għadhom nieqsa minn għarfien u

[9] Il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Emissjoni tal-Ħoss fl-Apert (E03673): https://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetail&groupID=3673&Lang=MT.

sensibilizzazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-ħoss, u l-immarkar tal-ħoss waħdu mhux biżżejjed biex jixpruna l-għażla tal-konsumatur.

Minħabba d-domanda baxxa tas-suq għal tagħmir li jagħmel anqas storbju, fin-nuqqas tad-Direttiva, il-manifatturi jidderieġu l-investiment fir-Riċerka u l-Iżvilupp lejn dawk il-karatteristiċi tal-prodott li huma aktar attraenti għall-klijenti (eż. il-prestazzjoni, is-sikurezza, l-effiċjenza enerġetika). Anke jekk l-iżviluppi teknoloġiċi setgħu taw spinta lit-titjib fl-emissjonijiet tal-ħoss fi kwalunkwe każ (bħal pereżempju l-magni elettriċi), id-Direttiva ġiegħlet lill-manifatturi jinvestu riżorsi fir-riċerka u l-iżvilupp ta' disinji, mekkaniżmi u strateġiji speċjali biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-ħoss tat-tagħmir ta' barra. Dan hu partikolarment il-każ ta' tagħmir soġġett għal-limiti mandatorji tal-ħoss (l-Artikolu 12), filwaqt li għal tagħmir soġġett għall-immarkar tal-ħoss biss (l-Artikolu 13), id-Direttiva ma kinitx biżżejjed biex tħeġġeġ lill-manifatturi biex jiżviluppaw prodotti anqas storbjużi sal-istess grad.

Barra minn hekk, anki n-nuqqasijiet fis-sorveljanza tas-suq, li jiddependu l-aktar fuq in-nuqqas ta' riżorsi biżżejjed allokati għal dan il-qasam speċifiku, dgħajfu l-kapaċità tad-Direttiva li tikkonforma mal-objettivi tagħha. Iżda għalkemm id-Direttiva ma laħqitx il-potenzjal sħiħ tagħha, iċ-ċittadini esposti għall-emissjoni tal-ħoss mit-tagħmir ta' barra għadhom protetti aħjar meta mqabbel ma' kif kienu jkunu mingħajr id-Direttiva.

Fir-rigward tal-iżgurar ta' suq intern għat-tagħmir ta' barra billi tevita l-ostakli għall-moviment liberu ta' tagħmir bħal dan, id-Direttiva ssimplifikat il-qafas legali diġà eżistenti. Dan kiseb aktar ċarezza u tejjeb l-attività tal-partijiet ikkonċernati kollha. Barra minn hekk, id-Direttiva evitaw li jitfaċċaw regolamenti differenti fil-livell nazzjonali li jistgħu jfixklu ċ-ċirkolazzjoni intra-UE tat-tagħmir ikkonċernat.

### *4.2. Effiċjenza tad-Direttiva*

Fir-rigward tal-effiċjenza fl-implimentazzjoni tad-Direttiva, ġew identifikati tipi differenti ta' kostijiet u benefiċċji fl-evalwazzjoni. Minn fost il-benefiċċji li kisbet id-Direttiva, il-benefiċċji għas-saħħa u għall-ambjent huma l-aktar ovvji u sinifikanti. Għall-kuntrarju, filwaqt li l-partijiet ikkonċernati josservaw l-impatt pożittiv li tkun żgurata regolamentazzjoni armonizzata fl-UE u jesprimu xi tħassib dwar l-effett ta' limiti tal-ħoss aktar stretti fl-UE milli barra minnha, ma jipperċepixxux impatt sinifikanti fuq in-negozju tagħhom mil-lat ta' kummerċ intern jew estern.

Il-klassifikazzjoni u l-grupp ta' prodotti applikati bħalissa li jkopru ħafna tipi differenti ta' tagħmir u verżjonijiet tal-istess tip, jistgħu joħolqu diffikultajiet għall-manifatturi biex jifhmu jekk prodott hux attwalment kopert bid-Direttiva.

Il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità previsti mid-Direttiva jindirizzaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet differenti tal-manifatturi, għalkemm in-nuqqas ta' possibbiltà ta' proċedura ta' kontroll intern għaċ-ċertifikazzjoni ("awtovalutazzjoni") għat-tagħmir skont l-Artikolu 12 jitqies bħala restrizzjoni mill-manifatturi, u bħala garanzija mill-konsumaturi u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Il-korpi notifikati li huma kompetenti biex iwettqu l-proċeduri mitluba mhumiex stabbiliti f'xi pajjiżi, u dan joħloq ostaklu għall-manifatturi li jkollhom ifittxu l-għarfien espert meħtieġ fl-Istati Membri l-oħra.

Il-kostijiet tal-valutazzjoni tal-konformità huma identifikati bħala wieħed mill-aktar kostijiet sinifikanti għall-manifatturi. B'mod partikolari, dawn il-kostijiet jiżdiedu għall-kumpaniji li jridu jwettqu testijiet separatament kemm għad-Direttiva kif ukoll għal leġiżlazzjoni oħra tal-UE, l-aktar waħda komuni hi d-Direttiva dwar il-Makkinarju. Iżda l-ħtieġa li jkun hemm proċeduri adegwati tal-valutazzjoni tal-konformità trid tkun relatata mas-sorveljanza tas-suq li għadha mhix biżżejjed, fis-settur tal-OND bħal f'oħrajn bħala kwistjoni orizzontali, kif identifikat fl-"Istudju ta' Appoġġ" u sorsi oħra.

Il-kodiċi attwali tat-testijiet u l-metodi tal-kejl għall-maġġoranza tat-tagħmir kopert mid-Direttiva mhumiex konformi mal-iżvilupp teknoloġiku u jeħtieġ jiġu riveduti. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' proċedura ċara u uniformi biex tiġi ddeterminata l-inċertezza tal-kejl fid-Direttiva jista' jikkawża inkonsistenza bejn il-livelli tal-qawwa ggarantiti skont is-suġġett li jwettaq il-kejl.

Il-bażi tad-*data* tal-"Applikazzjoni NOISE", filwaqt li mhix partikolarment għalja mil-lat ta' nfiq monetarju, din tippreżenta limitazzjonijiet operattivi sinifikanti (id-*data* rreġistrata mhix korretta jew mhix sħiħa, tipi differenti ta' tagħmir mhux definiti b'mod ċar, parametri tekniċi nieqsa għal tagħmir fis-suq, eċċ.). Għaldaqstant, il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati jidhrilhom li l-għodda hi piż u mhix affidabbli għalkollox fl-inputs u fl-outputs.

Ir-riċerka u l-iżvilupp huma element ieħor għali tad-Direttiva, bil-kost annwali stmat għal bejn l-EUR 40 miljun u l-EUR 120 miljun. Iżda ta' min jinnota li filwaqt li dan hu bla dubju konsegwenza tad-Direttiva, iż-żieda fil-kost tar-Riċerka u l-Iżvilupp jenħtieġ titqies bħala element purament negattiv għax l-objettiv jibbenefika b'tagħmir ta' prestazzjoni aħjar.

### *4.3. Rilevanza tad-Direttiva*

Dwar ir-rilevanza tad-Direttiva, l-evalwazzjoni kkonfermat li l-objettivi oriġinali tagħha għadhom validi daqs kemm kienu meta saret il-proposta l-ewwel darba. B'mod partikolari, l-objettivi li jkun żgurat il-moviment liberu tat-tagħmir ta' barra, li jonqsu l-livelli permissibbli tal-ħoss biex jiġu protetti s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini u jitħares l-ambjent, u biex tingħata informazzjoni lill-pubbliku dwar dawn l-emissjonijiet tal-ħoss, jibqgħu kompletament rilevanti. Meta d-Direttiva daħlet fis-seħħ, din imliet vojt eżistenti relatat mal-protezzjoni taċ-ċittadini esposti għall-emissjonijiet tal-ħoss li joħloq it-tagħmir ta' barra mħaddem minn utenti oħra, privati jew professjonali.

Skont it-tagħrif miġbur mingħand sorsi differenti tul is-snin tat-tħaddim tad-Direttiva – inkluż l-istudji mwettqa, il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-bażi tad-*data* tal-"Applikazzjoni NOISE" – hu stmat li għat-tagħmir skont l-Artikolu 12, id-Direttiva kisbet tnaqqis fil-livelli tal-emissjoni tal-ħoss espressi f'livell ta' qawwa tal-ħoss ta' bejn 2 u 3 dB[10].

Għoxrin sena wara l-introduzzjoni tad-Direttiva, it-tkabbir fl-urbanizzazzjoni u ż-żieda sussegwenti fil-kostruzzjoni tal-infrastrutturi tat-toroq u tal-bini wasslu għall-użu ta' aktar

[10] Id-"deċibel" (dB) hi unità tal-kejl li tesprimi l-proporzjon logaritmiku (fuq bażi 10) ta' żewġ kwantitajiet fiżiċi tal-istess dimensjonijiet, f'dan il-każ il-qawwa tal-ħoss. Billi l-iskala tad-deċibel hi logaritmika u mhix lineari, tnaqqis ta' 1 dB tal-livell tal-qawwa tal-ħoss jikkorrispondi għal tnaqqis ta' madwar 21% tal-emissjoni tal-ħoss, u tnaqqis ta' 3 dB jikkorrispondi għal tnaqqis ta' madwar 50% tal-emissjoni tal-ħoss.

tagħmir ta' barra u għalhekk ukoll għal żieda fil-produzzjoni tal-ħoss. B'mod speċjali, l-għadd ta' tagħmir tal-konsumaturi żdied bil-qawwa għax fuq l-internet u fis-supermarkets hemm disponibbli prodotti rħas.

Din iż-żieda fl-għadd tat-tagħmir fis-suq u fl-użu ħalliet impatt ta' kontrobilanċ fuq l-effett pożittiv tad-Direttiva fit-tnaqqis tal-livelli tal-emissjoni tal-ħoss, u dan ġedded il-ħtieġa għal pressjoni fuq il-manifatturi biex jipproduċu tagħmir anqas storbjuż. Pressjoni bħal din tista' ssir minn żewġ sorsi: is-suq jew il-leġiżlazzjoni. Fin-nuqqas tad-domanda tas-suq għal tagħmir anqas storbjuż, ir-responsabbiltà li jiġu stabbiliti limiti għall-emissjonijiet tal-ħoss għat-tagħmir ta' barra biex jiġu protetti l-benesseri u s-saħħa taċ-ċittadini, għadha tinsab f'idejn il-leġiżlatur.

Fir-rigward tal-industrija, filwaqt li d-Direttiva indirizzat il-ħtieġa għal armonizzazzjoni u ċertezza legali madwar l-UE, minn perspettiva ta' kummerċ internazzjonali, id-Direttiva u l-limiti aktar stretti imposti la wasslu għal vantaġġi sinifikanti u lanqas ma għenu għal konformità mal-leġiżlazzjoni barranija. Madankollu, kważi l-ebda waħda mill-partijiet ikkonċernati mhi favur ir-revoka tad-Direttiva, minħabba r-riskju potenzjali li jinħolqu standards nazzjonali multipli.

Aspett li xi partijiet ikkonċernati qiesu li ma kienx konformi għalkollox mal-ħtiġijiet attwali tal-industrija hu l-valutazzjoni tal-konformità tal-parti terza. Argumentaw li, meta d-Direttiva daħlet fis-seħħ, il-kumpaniji ma kellhomx l-għarfien speċifiku meħtieġ biex ikejlu l-emissjonijiet tal-ħoss, u l-kompitu li jwettqu l-valutazzjoni tal-konformità ġie fdat f'idejn il-korpi notifikati. Illum, ħafna mill-manifatturi għandhom il-ħiliet li jwettqu l-kejl huma stess u jistgħu jiddependu fuq awtovalutazzjoni minflok valutazzjoni tal-konformità tal-parti terza.

### *4.4. Koerenza tad-Direttiva*

Mil-lat ta' koerenza u kumplimentarjetà tad-Direttiva ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE, ġew identifikati xi problemi għall-manifatturi, minħabba rekwiżiti differenti ma' atti leġiżlattivi oħra li japplikaw għall-istess makkinarju. B'mod partikolari, id-differenzi fir-rekwiżiti mad-Direttiva 2006/42/KE dwar il-Makkinarju jfissru li xi tagħmir irid jiġi ttestjat darbtejn, filwaqt li r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/1628 dwar il-Makkinarju Mobbli mhux tat-Triq, b'rabta mal-emissjonijiet, jagħmluha diffiċli għal xi tagħmir biex jikkonforma mat-tnejn li huma. In-nuqqas ta' kejl tal-inċertezza fid-Direttiva jħalli varjabbiltà fil-livelli tal-qawwa ggarantiti, skont is-suġġett li jkun qed iwettaq il-kejl.

Madankollu, l-evalwazzjoni rrikonoxxiet li d-Direttiva hi parti koerenti minn network usa' u komprensiv ta' leġiżlazzjoni dwar il-ħsejjes ambjentali fl-UE.

F'ċerti Stati Membri, id-Direttiva hi appoġġata minn skemi nazzjonali volontarji ta' inċentivi indirizzati biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-livelli tal-ħoss u l-valur tal-produzzjoni u x-xiri ta' tagħmir li jagħmel anqas storbju.

Mil-lat ta' koerenza esterna u kumplimentarjetà tad-Direttiva mal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew internazzjonali mhux tal-UE, ma ġiet identifikata l-ebda diffikultà kbira fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni OND u dik ta' barra mill-UE.

### 4.5. *Valur miżjud tal-UE tad-Direttiva*

Fir-rigward tal-valur miżjud tal-UE tad-Direttiva u r-riżultati miksuba fir-rigward tal-objettivi strateġiċi, minkejja l-limitazzjonijiet tagħha, id-Direttiva kisbet għadd ta' riżultati importanti li ma setgħux jinkisbu mingħajrha. Għalhekk, approċċ tal-UE jibqa' l-aktar rispons xieraq u hu aktar probabbli li jilħaq l-objettivi stabbiliti mid-Direttiva minn approċċi nazzjonali.

Fil-fatt, id-Direttiva ppreveniet il-proliferazzjoni ta' regolamenti nazzjonali differenti, u hemm il-perċezzjoni li mingħajrha, setgħu tfaċċaw regolamenti nazzjonali ġodda. Minħabba r-rekwiżiti tad-Direttiva, il-livelli tal-ħoss naqsu fl-aħħar għoxrin sena minkejja n-nuqqas ta' domanda tas-suq.

Għalkemm il-limiti u l-metodi tal-kejl tal-ħoss attwali jistgħu ma jkunux konformi mal-aħħar żviluppi, id-Direttiva xorta waħda tobbliga lill-manifatturi jibbilanċjaw ir-riċerka dwar it-tagħmir ta' prestazzjoni ogħla mar-rekwiżit tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet tal-ħoss. Mingħajr id-Direttiva, minħabba n-nuqqas ta' pressjoni fuq is-suq min-naħa tal-konsumaturi, aktarx li l-produtturi tat-tagħmir ta' barra jittraskuraw dan l-aspett favur karatteristiċi oħra. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-ebda waħda mill-partijiet ikkonċernati kkonsultati ma kienet favur ir-revoka tad-Direttiva.

## 5. Konklużjonijiet u t-triq 'il quddiem

Meta jitqies dak kollu li ntqal hawn fuq, l-eżitu tal-evalwazzjoni hu pożittiv: il-konklużjoni ġenerali hi li d-Direttiva hi b'mod ġenerali meqjusa effettiva, effiċjenti, rilevanti u koerenti, u għandha valur miżjud tal-UE. Fil-fatt, id-Direttiva ssimplifikat il-qafas leġiżlattiv eżistenti, u b'hekk kisbet aktar ċarezza għall-partijiet ikkonċernati kollha. Id-Direttiva kkontribwiet b'mod effettiv biex tnaqqas l-emissjoni tal-ħoss mit-tagħmir ta' barra, u żgurat li l-manifatturi jinvestu riżorsi fir-riċerka u l-iżvilupp ta' disinji, mekkaniżmi u strateġiji speċjali biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-ħoss mit-tagħmir ta' barra. Minħabba n-nuqqas ta' domanda tas-suq għal tagħmir anqas storbjuż u l-iskarsezza ta' inċentivi nazzjonali, id-Direttiva kienet u għadha l-forza ewlenija li tixpruna t-tnaqqis tal-ħoss għal dan it-tip ta' tagħmir.

Iżda hemm għadd ta' aspetti kritiċi li jaffettwaw it-tħaddim tad-Direttiva u li jistgħu jwasslu għall-possibbiltà ta' promulgazzjoni tas-setgħat għall-atti delegati previsti fid-Direttiva jew għall-ħtieġa ta' possibbiltà ta' rieżami. Dan jikkonċerna b'mod partikolari n-nuqqas ta' adattament għall-progress tekniku tal-elementi ewlenin tad-Direttiva:

- il-kamp ta' applikazzjoni u b'mod partikolari l-listi tat-tagħmir ta' barra koperti u d-definizzjonijiet tagħhom, kif ukoll il-firxa tar-rekwiżiti għal kull tip ta' tagħmir (soġġetti għal-limiti tal-ħoss jew għall-immarkar tal-ħoss biss).
- il-limiti tal-ħoss għal tipi speċifiċi ta' tagħmir ta' barra, abbażi tal-informazzjoni disponibbli dwar il-fattibbiltà teknika u ekonomika tagħhom, fi ħdan l-objettiv ġenerali ta' tnaqqis kontinwu tal-emissjonijiet tal-ħoss fis-sors.
- il-kodiċi attwali tat-testijiet u l-metodi tal-kejl għall-maġġoranza tat-tagħmir kopert bid-Direttiva mhumiex konformi mal-iżvilupp teknoloġiku u jeħtieġ jiġu riveduti. Skont l-Artikolu 18(a) tal-OND (emendat bir-Regolament 2019/1243) il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 18b li jemendaw l-Anness III

biex il-metodi tal-kejl tal-ħoss fl-arja li għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tal-livelli tal-qawwa tal-ħoss tat-tagħmir kopert bid-Direttiva jiġu adattati għall-progress tekniku. Il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx id-dritt tagħha li temenda l-Anness III u hu meħtieġ adattament għall-iżvilupp teknoloġiku[11].

- il-proċeduri rilevanti tal-valutazzjoni tal-konformità, filwaqt li tadattahom għal bidliet possibbli fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-limiti tal-ħoss, jitqiesu wkoll ir-rilevanza u l-impatt ta' soluzzjonijiet differenti bbażati fuq intervent ta' "awtovalutazzjoni" (proċeduri bbażati fuq kontroll intern) u fuq intervent ta' "parti terza" (proċeduri li jeħtieġu l-parteċipazzjoni ta' korp notifikat), kif ukoll ir-relazzjoni mal-lakuni li għadhom eżistenti fis-sorveljanza tas-suq.
- l-obbligu tal-ġbir tad-*data* dwar il-ħoss u l-għodda relatata biex jiġi ġestit dan l-obbligu, filwaqt li jitqiesu l-problemi li jirriżultaw mill-operat u l-effettività tal-bażi tad-*data* tal-"Applikazzjoni NOISE"; u
- l-allinjament mal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid, mad-dispożizzjonijiet rilevanti mid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE dwar l-operaturi ekonomiċi, is-sorveljanza tas-suq, il-korpi notifikati, il-valutazzjoni tal-konformità, eċċ.

Barra minn hekk, in-nuqqas ta' sorveljanza biżżejjed tas-suq hu fattur li jdgħajjef l-effettività tad-Direttiva fl-objettivi ewlenin tagħha, speċjalment mil-lat ta' konformità legali u teknika tal-prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE, kif ukoll il-kompetittività tal-operaturi ekonomiċi tal-UE.

Rigward dan it-tħassib tal-aħħar, il-Kummissjoni se tqawwi l-isforzi ta' koordinazzjoni tagħha permezz tal-gruppi ta' ħidma settorjali differenti (il-Kumitat u l-grupp ta' esperti) b'appoġġ għat-tħaddim tad-Direttiva, biex ikunu żgurati approċċi miftiehma u armonizzati fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni, u tingħata gwida adegwata lill-partijiet ikkonċernati. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja bir-reqqa l-infurzar tad-Direttiva fl-Istati Membri kollha u fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva settorjali, u se tissuġġerixxi u tappoġġa wkoll azzjonijiet miftiehma fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tas-sorveljanza tas-suq. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li r-Regolament (UE) 2019/1020 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti maħruġ dan l-aħħar[12] għandu l-għan, fost aspetti oħra, li jsaħħaħ il-kontrolli mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-uffiċjali tad-dwana biex ikun evitat li l-prodotti mhux sikuri jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.

[11] Ir-Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 241-344).

[12] Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).